MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Numru. 508/2001

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Kevin Gauci

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-30 ta' Lulju 2001 u fiz-zmien ta' qabel, gewwa l-fond Leon, Souvenir Spot, Wilga Street, Paceville;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxewbhin b'qerq u cioe diversi music cassettes u CDs u dan bi ksur tal-Artikolu 298 (1) (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew

ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' diversi music casettes u CDs, bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Patrick Galea LL.D. hija rappresentanti, protetti bil-jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298b (1) tal-Kapitlu 9 al-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-8 ta' Frar, 2005;

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu hati ta' l-istess wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 298(1)(f), u 298 (b) (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, ghandu fedina penali kwazi netta, hlief ghall-ksur ta' regolamenti waqt illi kien qieghed jara partiti tal-football u dana f'zewg okkazzjonijiet separati. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-parte civile ma tantx wera interess f'dawn il-proceduri u ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu fuq il-fatt illi l-imputat qatt iktar ma xellef difru

mal-awtoritajiet minn meta tressaq il-Qorti fuq dan il-kaz sa illum u illum il-gurnata huwa biddel il-generu tan-negozzju tieghu. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, rat illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut, u ghalhekk filwaqt illli tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------